# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 105**

**Citaz. Nru. 2589/96GV**

**Doc. Nru. 40-01**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andrew Grech u b'nota tas-27/10/99 is-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance p.l.c. gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andrew Grech assumiet l-atti tal-kawza**

**vs**

**Joseph De Leonardo**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1996 fil-limiti ta' B'Kara waqt li l-konvenut, Joseph De Leonardi kien qed isuq il-vettura numru ta' Registrazjoni H-4598 huwa habat mal-vettura numru BAD 636, proprjeta' tal-assikurat tal-attur, Andrew Grech li dak il-hin kien qed isuq din l-istess vettura.

Premess illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut, li naqas milli josserva Stop Sign u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza u kif jidher car mir-Rapport tal-Pulizija (Dok. LB1).

Premess illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura numru BAD 636 garbet hsarat konsiderevoli, tant illi giet dikjarata "beyond economical repair" izda billi dina kienet assikurata 'comprehensive' mas-socjeta' u billi saret "cliam", l-assikurazzjoni halset a tenur tal-Polza lill-assikurat taghha is-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500.00,0), u dana kollu kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi oltre l-ammont ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500.00,0) imhallas mis-socjeta' attrici, l-istess socjeta' attrici halset wkoll ghas-survey tmien liri Maltin (Lm8.00,0) u tlett liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm3.45,0) ghar-Rapport tal-Pulizija. B'kollox ghalhekk is-socjeta' attrici halset is-somma komplessiva ta' erbat elef, hames mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu ( Lm4,511.45,0).

Illi l-assikurazzjoni wara ddisponiet mir-wreck tal-vettura bil-prezz ta' disgha mija, hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm925.00,0) u ghalhekk b'kollox is-socjeta' attrici assikuratrici giet hallset is-somma ta' tlett elef, hames mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu ( Lm3,586.45,0).

Premess illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici b'risultat tal-incident imsemmi baqa' inadempjenti kellha issir din il-kawza.

Prevja kull dikjarazzjoni necessarja, is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fil-limiti ta' B'Kara fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1996 u ghad-danni li sofriet mis-socjeta' attrici;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici b'risultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm3,586.45,0) jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' Periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju, 1996, u ta' Mandat ta' Qbid Nru. 4057/96 mahrug fis-sitta (6) ta' Awissu, 1996 kontra l-istess konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph De Leonardo a fol 13 fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenut jismu Joseph De Leonardo u mhux Joseph De Leonardi u ghalhekk jitlob li jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju ghal premess, huwa mhux responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1996 fil-limiti ta' B'Kara waqt li huwa kien qed isuq karozza H-4598(M) li habtet ma' vettura BAD 636 misjuqa minn Andrew Grech li kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-degriet a fol 15 u 22;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti

tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbili ghall-incident li gara fil-limiti ta' B'Kara fis-sitta w ghoxrin (26) ta' April, 1996 u ghad-danni li sofriet is-socjeta' attrici;

tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici b'rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u sitta u disghin liri Maltin u hamsa u erbghin (Lm3,596.45) jew somma verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

**ECCEZZJONIJIET**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet giet sorvolata b'korrezzjoni awtorizzata mill-Qorti;
Il-konvenut eccepixxa inoltre li hu ma kienx responsabbili ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni imma kien unikament responsabbli Andrew Grech.

**PROVI**

Skond **l-okkorrenza** a fol 27 *ix-xufiera stqarru li waqt li BAD 636 kien sejjer lejn id-direzzjoni ta' Hal Balzan u H 4598 hareg minn go Triq Tumas Fenech ghal go By Pass biex idur ma' roundabout, Ix xufier tal-vettura BAD 636 opera l-brake u habat ma' l-imsemmija vettura.* Din il-versjoni giet konfermata fil-Qorti minn PS 833 F. Seychell. Dan kompla qal li l-incident gara fid-disgha u ghoxrin (9.20 pm). Dak iz-zmien ma kienx hemm stop sign ghal sewwieqa hergin minn Triq Tumas Fenech. Illum hemm.

**Andrew Grech** xehed li kien ghaddej mil By Pass fuq il-lane ta' gewwa sejjer fid-direzzjoni ta' Hal Lija bid-dipped headlamps. Kien ghaddej b'xi erbghin mil fis-siegha (40 mph) u kien wahdu. Hekk kif wasal f'nofs ir-roundabout, harget vettura minn fuq ix-xellug tieghu bla ma waqfet qabel harget. Il-karozza harget quddiemu, ipprova jevitaha billi ghafas il-brake, pero' l-istess habtu. Bid-daqqa l-vettura spiccat kif murija fl-iskizz u dik tal-konvenut giet thares fid-direzzjoni minn fejn kien gej hu. Fuq l-iskizz, ir-roundabout mhiex pinguta tonda. Ghalkemm il-brakemarks tieghu qeghdin vicin ir-roundabout hu kien qed isuq fil-lane ta' gewwa. "Dak il-hin li grat il-habta jiena kont qed nitlaq ir-roundabout mentri l-konvenut kien diehel ghal gol roundabout minn fuq ix-xellug tieghi. F'dak il-hin tal-habta l-ebda karozza ohra ma kienet qed iddur mar-roundabout."

Fuq kontroezami wiegeb li fil-hin tal-accident kien id-dlam. Fil-lane minn fejn kien ghaddej ma kienx hemm karozzi ohrajn. Mhux veru li kien hemm karozzi weqfin. Lanqas fil-lane ta' barra. Fuq il-karreggjata tieghu ma kienx hemm give way sign.

**Il-konvenut** xehed li kien hiereg minn Tumas Fenech Street, biex jaqbad il- By Pass u jdur mar-roundabout lejn tas-Sliema. Il-By Pass hi triq principali u minn fejn kien seta' jara fit-tul bla limitu u tista' tara tajjeb. Waqaf biex jara min gej biex jidhol fil-By Pass. Ra li kienet gejja karozza bil-mod, waqfet meta waslet vicin tar-roundabout, iddippjalu d-dwal bhala sinjal biex ikun jista johrog, hu ddippjalu lura u beda hiereg bil-mod. F'daqqa wahda jara karozza gejja b'velocita kbira minn naha ta' gewwa u mhux mac-central strip u baqa' diehel fih. Dan dawwru bid-daqqa u baqa' sejjer 'l boghod hafna minn fejn gara l-accident.

"Jien mohhi kien fuq il-karozza li kienet stazzjonata fejn ir-roundabout u mhux fuq il-karozzi l-ohrajn." Id-daqqa fuq il-karozza tieghu kienet fuq in-naha ta' quddiem fuq il-mudguard tal-lemin. Bid-daqqa hu sofra feriti fi spallejh u kiser tlett kustilji. Minn fejn kien gej Grech hemm give way sign. Il-brakemarks li halla Grech kienu sa fejn habat mieghu mbaghad kompla sejjer kif hemm indikat fl-iskizz. Hu kellu erba' postijiet fejn kellha daqqiet il-karozza.

Fuq kontroezami wiegeb li l-give way sign li kellu Grech kienet ghal dawk li qeghdin fuq ir-roundabout. Hu kien diehel fir-roundabout dak il-hin. Hu ma kellux stop sign jew give way sign. Hu pero' kien waqaf. "L-ewwel darba li ra l-karozza ta' Grech din kienet ftit metri 'l boghod minnu." Jimmagina li l-Inglizi kienu magemb ic-centre strip meta cedewlu.

**Carmen Braddick Southgate** xehdet li kienu ghaddejin mill-By Pass u raw lill-konvenut ser johrog mit-triq tal-gemb. Huma kienu fuq il-lane ta' barra. Huma waqfu biex jaghtuh cans johrog u f'daqqa wahda minn imkien jisimghu karozza li kienet gejja minn warajhom kemm tiflah. Dan ma waqafx imma ghadda minn gewwa sparat. Dak il hin ghajtet ghajta u zammet wiccha ghax kienet taf li ser jolqtu. Iz-zewg karozzi spiccaw mal-hajt u l-karozza inqalbet u giet fuq is-saqaf taghha imbaghad regghet telghet wicca l-fuq. Hi kienet qalet lil dan id-driver li t-tort kien tieghu. Ir-ragel kien ghamel sinjal lill- konvenut bid-dawl biex johrog. Hi kienet rat lil Grech gej mis-side mirror tax-xellug u semghetu wkoll.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

### Main and Side Road User

Skond il-Highway Code, l-artikolu 91 : Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road.". L-artikolu 84: Use extra care at junctions and intersections. STOP at STOP SIGNS.

Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li:

"Is-side road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel johrog fiha, u li jimxi 'dead slow' u sahansitra jwaqqaf, biex jaccerta ruhhu li jista johrog bla hsara”.

"Il-main road user ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt. "

(Ara App.Civ. Mag.A.Stagno Navarra vs N.Saliba Vol XLV p1 p 389; Il-Pulizija vs G.Buttigieg et Vol XLV11 p4 p 1198; VOl XLV1 p1 p 112; Camilleri vs Dimech App Civ. 27.7.91; Portelli vs Spiteri PA/JSP 16/12/93;PA Gauci Maistre vs Galea 22.2.94 JSP).

"Il-fatt li s-side road user gie milqut meta kien ittraversa bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti". App.Krim. Pul vs C.Balzan 27.5.67

"Is-side road user irid jidhol gol 'main road' bla ma jiehu riskji li driver prudenti ma jiehux". Side road user ma jistax johrog go main road bl-izgiccaturi. App.Krim Pul vs G.Gales Vol 37 p 1108

"Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox". App Civ. H.Farrugia vs R.Ripard. 15.2.74

**Speed**

"Jekk iz-zewg drivers setghu jaraw lil xulxin fi zmien utili, il-fattur tas-speed m'ghandux x'jaqsam xejn mal-kawza determinanti tal-kollizjoni "*(vol 36 p4 p 797).*

"Il-velocita' tal-parti l-ohra mhix skuza ghad-driver li jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tieghu tas-sewqan." *(Vol 29 p 557).*

"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti l-ispeed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjeta' purche l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista jissejjah "sfrenat". *( S.Mizzi vs J.Grech 23/3/72 u A.Bartolo vs K.Micallef 16.2.73).*

"Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-driver sia jekk dan ikun main road user u sia jekk ma jkunx, ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha infisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. **Irid jigi stabilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiv kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut.**" *(Ara sentenza A.Stanley vs A.Zahra PA JSP 23.3.93)*

**Signal**

Is-sinjali li tati persuna lil driver ma jassolvux lil dan mid-dover tieghu li joqghod attent ghal road users ohra. (App.Krim Pul vs J.Busutill 29.11.58).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

<u>Sewqan tal-konvenut.</u>

Mhemmx dubbju li l-konvenut kien side road user u bhala tali kellu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road; kellu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road

qabel ma johrog fiha; kellu l-obbligu li jimxi dead slow u li sahansitra iwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.

Fil-kaz in ezami jidher li dana ma sarx u l-konvenut strah biss fuq is-sinjal li ghamillu Southgate biex johrog. Dan ma kienx bizzejjed billi s-sinjal li ghamillu Southgate ma kienx jassolvih mid-dover tieghu li joqghod attent ghal main road users ohra, specjalment fil-By Pass fejn hemm aktar minn lane wahda. Fi kliem il-konvenut stess "Jien mohhi kien fuq il-karozza li kienet stazzjonata fejn ir-roundabout u mhux fuq il-karozzi l-ohrajn." Fil-fatt l-ewwel darba li hu nduna bil-karozza ta' Grech kien meta dina kienet biss ftit metri l-boghod minnu, meta kieku hares sew kien jara l-karozza ta' Grech kemm ghaliex kien id-dlam u ghalhekk id-dawl taghha jidher aktar minn karozza kieku kien id-dawl u t-tieni billi skond ma ammetta l-konvenut stess il-By Pass hi triq principali u minn fejn kien seta' jara fit-tul bla limitu u tista' tara tajjeb. (Il-Qorti accediet privatament fuq il-post biex taccerta ruhha minn dana).

Il-fatt li l-konvenut gie milqut meta beda jittraversa t-triq principali huwa rrilevanti. Side road user ma jistax johrog go main road bl-izgiccaturi. Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox.

Dwar is-sottomissjoni tal-konvenut li Grech kellu give way sign il-Qorti tirrileva li dina tapplika ghal meta jkun hemm karozza ohra fuq ir-roundabout. Fil-kaz in ezami l-konvenut ma kienx fir-roundabout. Inoltre l-konvenut xehed li ma kienx hemm give way sign u lanqas ma semmiha s-surgent.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kellu tort bhala side road user billi hu ma esplorax il-main road sewwa qabel ma hareg.

<u>Sewqan ta' Andrew Grech</u>

Il-konvenut qed jallega li Grech kien ghaddej b'velocita' kbira. Minn fejn kien ghaddej Grech hija By Pass u hu konsentit fuqha speed li m'ghandux jeccedi l-erbghin mil fis-siegha (40 mfs). Wiehed jistenna li fuq dina t-triq l-karozzi jkunu ghaddejjin bil-massimu ta' l-ispeed konsentit. Il-Qorti tirrileva li l-konvenut ma semmiex mal-Pulizija li nvestiga l-kaz, speed da parti tal-konvenut u lanqas ma semmih is-surgent meta xehed. Pero' mill-provi prodotti jirrizulta li Grech kien ghaddej b'certu speed, kemm mill-brakemarks li thallew wara l-karozza ta' Grech kif ukoll mill-impatt fuq il-karozza tal-konvenut li sfat imdawwra. Ma jirrizultax li l-karozza ta' Grech inqalbet. Irid jigi stabilit sodisfacentement jekk l-velocita' kienitx wahda eccessiva u jekk l-ispeed kienx l-element determinanti li pprovoka l-incident u li jista' jitqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut.

Grech halla wiehed u ghoxrin punt hamsa metri (21.50 m) brakemarks (ara fol 26). Skond il-Highway Code taht Vehicles cannot stop dead, karozza li tkun ghaddejja bil-hamsa u erbghin kilometru fis-siegha (45 km/h) trid thinking distance ta' disgha metri (9m) u tlettax punt hamsa metri (13.5m) bhala braking distance - overall stopping distance ta' tnejn u ghoxrin punt hamsa metri (22.5). Karozza li tkun ghaddejja b-sittin kilometru fis-siegha (60 km/h) trid thinking distance ta' tnax-il metru (12m) u erbgha u ghoxrin metru (24 m) braking distance - overall stopping distance ta' sitta u tletin metru (36 m). Fil-kaz in ezami Grech halla brakemarks ta' wiehed u ghoxrin punt hamsa metri (21.50m) jigifieri li hu kien ghaddej b'inqas minn sitin kilometru fis-siegha (60 km/h) - xi tlieta u hamsin punt hamsa u sebghin kilometru fis-siegha (53.75 km/h) (ghalhekk entro l-limitu konsentit mill-ligi ta' tmenin kilometru fis-siegha (80 km/h) outside built up areas Highway Code Art 105). Anke jekk jigi wiehed jikkunsidra li l-karozza ta' Grech waqfet biss bl-impatt mal-karozza tal-konvenut, l-ispeed jibqa' entro dak permess.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li Grech ma kienx ghaddej b'velocita eccessiva jew sfrenata kif allega l-konvenut u li ghalhekk il-kawza determinanti tal-incident ma kienx l-ispeed tal-konvenut izda n-nuqqas tal-konvenut li jesplora tajjeb il-main road qabel hareg fiha u b'hekk holoq ostakolu inaspettat lil Grech.

**LIKWIDAZZJONI DANNI**

Andrew Grech xehed li hu kien assikurat comprehensive u l-claim thallset mill-atturi. Excess ma kellux.

Joe Buttigieg, surveyor mas-socjeta' attrici, esebixxa survey report (fol 40) li hu kien ghamel fuq il-karozza ta' Andrew Grech Escort 5. Dina kienet beyond economic repair. Il-pre-accident value kien ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) u r-wreck value elf lira Maltin ( Lm1,000). Lilu ma rrizultalux li kien hemm hsara fis-saqaf tal-karozza jew li nqalbet.

Edgar Galea, claims manager ma' Gasan Insurance, xehed li l-karozza ta' Grech ma kienitx tissewwa. Huma kienu bieghu r-wreck ghas somma ta' disa' mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm 925), u hallsu l-police report u survey report, u d-danni tal-assikurat.

Tikkunsidra

Il-pre-accident tal-value tal-karozza ta' Grech kien ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm 4,500). Minnhom trid tnaqqas disa' mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm 925) li dahhlu tar-wreck u maghhom trid izzid tal-Police Report u tas-Survey. L-atturi qed jitolbu s-somma ta' tlett elef, hames mija u sitta u tmenin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm 3,586.45) u dina t-talba tidher li hija gustifikata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbili ghall-incident li gara fil-limiti ta' B'Kara fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1996 u ghad-danni li sofriet is-socjeta' attrici; tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici b'rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u sitta u tmenin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm3586.45); tikkundanna

lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici dina s-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**